Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Jannar 2018**
**(OR. en)**

**5454/18**
**ADD 4**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0012 (COD)**

**TRANS 20**
**MAR 9**
**ENV 30**
**CODEC 59**
**IA 19**

## NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Jannar 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2018) 22 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 22 final.

---

Mehmuż: SWD(2018) 22 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.1.2018
SWD(2018) 22 final

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

*Li jakkumpanja d-dokument*

# PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE**

{COM(2018) 33 final} - {SWD(2018) 21 final}

**Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)**

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2000/59/KE dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għar-residwi tal-merkanzija

**A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni**

**X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?**

1. **Ir-rimi ta' skart fil-baħar** qed ikollu impatt negattiv fuq l-ambjent tal-baħar. Stimi annwali: Skart żejtni 31 000 $m^3$, Drenaġġ: 136 000 $m^3$ u Żibel: 60 000 – 300 000 tunnellata.
2. **Il-piż amministrattiv** (stmat għal 127 M EUR/sena) assoċjat mal-implimentazzjoni tad-Direttiva qed jaffettwa b'mod negattiv l-operazzjonijiet tat-trasport marittimu.

**X'għandu jinkiseb?**

1. Il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar permezz ta' tnaqqis tar-rimi tal-iskart iġġenerat mill-bastiment fuq il-baħar u kontribut għall-objettivi usa' tal-ekonomija ċirkolari;
2. Il-faċilitazzjoni tal-operazzjonijiet marittimi permezz ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv.

**X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?**

L-azzjoni fil-livell tal-UE hija meħtieġa sabiex:

- Tikseb l-implimentazzjoni armonizzata ta' regoli maqbula internazzjonalment (MARPOL) biex tiġi indirizzata l-problema tat-tniġġis mill-bastimenti;
- Tipprovdi kundizzjonijiet ekwi għall-portijiet u l-utenti tal-portijiet, sabiex tiżdied il-kompetittività tas-settur.

**B. Soluzzjonijiet**

**X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-għanijiet? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?**

- **Għażla 1**: **Xenarju bażi**
- **Għażla 2**: **Reviżjoni minima**: inizjattivi mmirati u aġġustamenti legali konċiżi;
- **Għażla 3**: **Allinjament mal-MARPOL:** aktar allinjament mal-MARPOL, b'enfasi fuq ir-rimi illegali ta' skart fil-baħar. L-inkorporazzjoni tal-ispezzjonijiet tal-PRF fil-Kontroll tal-Istati tal-Portijiet;
- **Għażla 4**: **Ir-reġim PRF tal-UE lil hinn mill-MARPOL:** tisħiħ tar-reġim PRF tal-UE lil hinn mill-MARPOL: il-konsenja obbligatorja tal-iskart *kollu* mill-bastimenti;
- **Varjanti tal-għażliet 3B u 4B**: **Skart fil-Baħar**: l-indirizzar b'mod speċifiku tal-problema tal-iskart fil-baħar mill-bastimenti. Definizzjoni mill-ġdid tal-pożizzjoni tal-bastimenti tas-sajd u l-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni skont id-Direttiva.

L-għażla ppreferuta hija l-**għażla 3B** (allinjament mal-MARPOL b'enfasi addizzjonali fuq l-**iskart fil-baħar**).

**X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġa liema għażla?**

Il-partijiet ikkonċernati kollha jilqgħu r-reviżjoni u jiffavorixxu l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli fil-livell tal-UE.
- Numru ta' **Portijiet** jopponu t-tariffa 100% indiretta għaż-żibel, u jippreferu simplifikazzjoni tal-prinċipji tal-irkupru tal-ispejjeż ewlenin (l-Għażliet 3 u 4).
- L-**utenti tal-portijiet** jappellaw għal aktar trasparenza fit-tariffi tal-iskart, għal proċeduri ta' konsultazzjoni aħjar u għal armonizzazzjoni tar-reġim tal-eżenzjonijiet (l-Għażliet 3 u 4).
- Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jiffavorixxu allinjament ulterjuri mal-MARPOL (kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet) (l-Għażla 3).
Peress li l-**Għażla 3B** tgħaqqad iż-żewġ objettivi ġenerali, din l-għażla hija appoġġata mill-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati.

**C. L-impatti tal-għażla ppreferuta**

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

**Ambjentali**: Tonqos parti sostanzjali tal-iskart illegali mormi fil-baħar, u jingħata kontribut importanti lejn l-ekonomija ċirkolari. Il-benefiċċji ambjentali huma diffiċli biex jiġu kkwantifikati, iżda se jkunu sostanzjali, kif indikat mill-ispejjeż għal operazzjonijiet ta' tindif (tax-xtajtiet) u l-ħsara lis-settur tas-sajd.
**Ekonomiċi**: Tnaqqis fl-ispejjeż tal-infurzar ta' madwar EUR 286 000 u madwar EUR 6,5 miljun fi tnaqqis tal-piż amministrattiv.
**Soċjali**: Mistennija żieda ta' impjiegi fis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart u t-turiżmu; sensibilizzazzjoni ambjentali akbar dwar l-iskart fil-baħar minn sorsi bbażati fuq il-baħar.

**X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

| |
|---|
| - **Spejjeż tal-konformità** biex jitwaqqfu skemi ta' ġbir separat tal-iskart fil-portijiet, il-provvediment ta' faċilitajiet biex jintlaqa' l-iskart mill-purifikaturi, u l-introduzzjoni ta' tariffa 100% indiretta għaż-żibel.<br>- **Spejjeż operazzjonali** mill-implimentazzjoni ta' skemi ta' inċentivi, mill-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet għall-adozzjoni jew għar-reviżjoni ta' pjanijiet rigward l-akkoljenza u t-tqandil tal-iskart. |
| **X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?** |
| Iktar opportunitajiet ta' negozju u impatti fuq il-kompetittività jistgħu jkunu mistennija għal: L-**operaturi PRF**, li wħud minnhom huma kwalifikati bħala SMEs; u s-**settur tas-sajd u rikreattiv**, li huma fil-biċċa l-kbira SMEs. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?** |
| Le. l-ispejjeż regolatorji huma mistennija li jkunu limitati u mistennija li jiġu kkumpensati mill-kisbiet fl-effiċjenza. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| Impatt pożittiv fuq l-**innovazzjoni u l-kompetittività**, b'mod partikolari mill-iżvilupp ulterjuri tal-kunċett tal-bastimenti sensittivi ekoloġikament u t-titjib tal-ġestjoni tal-iskart fil-portijiet. |
| **Proporzjonalità?** |
| L-għażla ta' politika ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-kisba tal-objettivi ta' politika. |
| **D. Segwitu** |
| **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?** |
| Id-Direttiva riveduta jenħtieġ li tiġi riveduta seba' snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha, abbażi ta' sett ta' indikaturi tal-progress prinċipali. |